22003D0152

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE

Nru 152/2003

tas-7 ta' Novembru 2003

li temenda l-Anness VI (Sigurtà soċjali) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonimika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness VI li jinsab mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ŻEE Nru 114/2003 tas-26 ta' Settembru 2003 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni Nru 185 tas-27 ta' Ġunju 2002 li temenda d-Deċiżjoni Nru 153 tas-7 ta' Ottubru 1993 (formola E 108) u d-Deċiżjoni Nru 170 tal-11 ta' Ġunju 1998 (komplilazzjoni tal-listi li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 94(4) u l-Artikolu 95(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 574/72 tal-21 ta' Marzu 1972) ([2]), kif korretta bil-ĠU L 173, tal-11.7.2003, p. 44, għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness VI huwa emendat kif ġej:

1. l-inċiż li ġej huwa miżjud mal-punt 3.39 (Deċiżjoni Nru 153):

   "– **32003 D 0148**: Deċiżjoni Nru 185 tas-27 ta' Ġunju 2002 (ĠU L 55, ta' l-1.3.2003, p. 74), kif korretta bil-ĠU L 173, tal-11.7.2003, p. 44.";

2. dan li ġej għandu jiżdied mal-punt 3.51 (Deċiżjoni Nru 170):

   ", kif emendata b':

   – **32003 D 0148**: Deċiżjoni Nru 185 tas-27 ta' Ġunju 2002 (ĠU L 55, ta' l-1.3.2003, p. 74), kif korretta bil-ĠU L 173, tal-11.7.2003, p. 44."

Artikolu 2

It-test tad-Deċiżjoni Nru 185, kif korrett bil-ĠU L 173, tal-11.7.2003, p. 44, fil-lingwi tal-Iżlanda u tan-Norveġja, li għandu jiġi ppublikat fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-8 ta' Novembru 2003, kemm-il darba n-notifikazzjonijiet kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt ŻEE (*).

([1]) ĠU L 331, tat-18.12.2003, p. 32.
([2]) ĠU L 55, ta' l-1.3.2003, p. 74.
(*) Ebda ħtiġiet kostituzzjonali ndikati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fit-taqsima ŻEE ta', u fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, fis-7 ta' Novembru 2003.

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE

Il-President

HSH PRINZ NIKOLAUS von LIECHTENSTEIN